# Taħriġ Kapitlu 3- L-Identità Maltija u l-immigrazzjoni, pġ. 102

**Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi biex tkompli tanalizza l-fatti u l-ġrajjiet f'din il-parti tar-rumanzett. Il-kliem agħżlu mill-kaxxa li tinsab fl-aħħar tal-eżerċizzju.**

**Ir-Rivoluzzjoni Russa u l-għan ta' Ebejer fid-diskors ta' Pietru:**

1. Fl-1917, fir-Russja seħħew żewġ rivoluzzjonijiet li eventwalment wasslu biex l-għaqdiet tal-________________, ispirati minn ideoloġija _______________, iwaqqfu l-Unjoni Sovjetika. L-għan kien li l-pajjiż ____________________ ruħu u ma jibqax immexxi minn sistema_______________________ u joħloq _______________ u ġustizzja bejn is-_______________________ tal-popolazzjoni.

2. Ebejer jixtieq li ____________ tiżviluppa wkoll fil-kuntest ta' dak li kien qiegħed jiġri fl-__________________ ta' dak iż-żmien. Huwa mhux biss jagħti stampa tas-sitwazzjoni _____________________ mill-ewwel nofs tas-seklu dsatax sat-tieni nofs tas-seklu għoxrin, iżda juża l-istorja _________________ u l-karattri biex iħares lejn dak li qed jiġri _____________ minn Malta. Għalhekk ______________ huwa l-istrument li Ebejer juża biex iwessa' l-____________________ tal-poplu.

**L-Immigrazzjoni u l-Identità Maltija:**

3. Francis Ebejer isemmi wkoll l-________________ Russi li ġew Malta fi żmien ir-________________Russa. Dawn kienu numru ta'______________, ta' sinjuri u anke nies ______________li ħarbu mir-Russja u xterdu mad-_________________ kollha. Fosthom kien hemm grupp li ġew Malta u li stabbilixxew ruħhom ħafna minnhom fin-naħat ta'_________________. Jingħad li l-bajja tal-Exiles hija msemmija għal dawn l-________________.

4. Il-___________________ tagħna ma tantx titkellem dwar il-preżenza ta' dawn l-immigranti Russi f'_________________. L-istorja ta' Malta hija mimlija stejjer ta'______________________, ta' Maltin li jitilqu biex ifittxu ħajja aħjar banda oħra, imma anke ta' immigranti.

5. L-istorja tal-emigrazzjoni rridu norbtuha wkoll, jekk se nirrakkontaw l-istorja tagħna bħala _________________ anke mal-immigrazzjoni. L-immigrazzjoni mhix esperjenza riċenti għal Malta imma matul l-_______________ tagħha kollha ġarrbet din l-esperjenza ta'_______________, ta' Sqallin, ta'_________________, ta' ħafna ġnus differenti minn artijiet differenti li ġew joqogħdu hawnhekk, ħafna drabi_________________, iżżewġu mal-Maltin u ħallew _________________, evidenza ċara tal-________________ tagħhom bl-istorja tal-_____________ tagħna l-Maltin.

6. Ħarsa fil-____________ lejn l-Istorja tal-poplu_____________, għalhekk turina li aħna dak li aħna minħabba ____________ma' kulturi u ____________ differenti. Ebejer idaħħalna iżjed fil-fond tal-_______________ Maltin u jkompli jwessa' d-dimensjoni tal-_____________ Maltija.

pajjiżna, jimmodernizza, Malti, għeruq, lokali, kunjomijiet, għarfien, indikazzjoni, tħalltu, emigranti, poplu, Pietru, Marxista, 'l barra, identità, dinja, Tas-Sliema, Malta, awtoritarja, Istorja, ugwaljanza, Griegi, preżenza, letteratura, nobbli, fond, fittizja, Rivoluzzjoni, taħlit, ħaddiema, komuni, ġnus, emigrazzjoni, setturi differenti, Spanjoli, eżiljati, Ewropa